

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

8286/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0076(NLE)

RECH 173
COASI 70

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteeipazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u l-Gvern tal-Ġappun, min-naħa l-oħra,
dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE).../...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni (il-“Ftehim”) ġie ffirmat ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027) ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
F'konformità mal-mandat tal-Kunsill, il-Protokoll dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-assoċjazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) ġie negoziat b'mod parallel mal-Ftehim u, skont l-Artikolu 17(9) tal-Ftehim, jifforma parti integrali minnu.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8279/26 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-aħħar firma ta' dan il-Ftehim. li jinsab fid-dokument ST 8285/26.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteciċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Gvern tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁺.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁺ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.